**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF AARON BUGEJA M.A. (LAW) LL.D. (MELIT)**

**Illum l-Erbgħa 04 ta' Ottubru 2023**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 17/2013**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Matthew Zarb**
**Franklin Orsini**
**Mark Anthony Bartolo**
**Mason Nehls**
**Duncan Caruana**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 17 tal-2013 kontra Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana akkużati talli:

**Fl-Ewwel Kap** talli fit-18 ta' Diċembru 2010, assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta (inkluz bejniethom) jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, jew ippromwovew, ikkonstitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ; talab li jingħamel skond il-liġi (i) kontra l-imsemmija ko-akkużati (a) Matthew Zarb, (b) Franklin Orsini, (c) Mark Anthony Bartolo u (d) Duncan Caruana u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni proviso ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31), l-Avviż Legali 183/1989 u fl-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati; kif ukoll u peress li kien għadu minorrenni fiż-żmien il-kummissjoni tar-reat (ii) jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-ko-akkużat (e) Mason Nehls u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għall-perijodu ta' mhux iktar minn tletin sena (30) u mhux inqas minn tmien snin (8) u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax -il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni proviso ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31), l-Avviż Legali 183/1989 u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 31(1)(a)(b), 37 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi ko-akkużat.

U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9). Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fit-Tieni Kap**, talli nhar it-18 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-jiem ta' qabel, fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw id-droga Ecstasy (MDMA) lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellhom liċenza mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u mingħajr ma kienu awtoriżżati bir-Regoli ta' l-1985 għall-Kontroll tal-Mediċini jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika li jfornu l-mediċina/droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtoriżżazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa skond il-liġi skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), u mingħajr ma kellhom liċenza jew xort'oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw jew jipprokuraw l-istess mediċina perikoluża/droga u b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ; talab li jingħamel skond il-liġi (i) kontra l-imsemmija ko-akkużati (a) Matthew Zarb, (b) Franklin Orsini, (c) Mark Anthony Bartolo u (d) Duncan Caruana u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni proviso ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), kif ukoll r-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 (L.S.31.18) konċernanti r-Regolamenti dwar il-Kontrolli tal-Mediċini u fl-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati; kif ukoll u peress li kien għadu minorrenni fiż-żmien il-kummissjoni tar-reat (ii) jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-ko-akkużat (e) Mason Nehls u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għall-perijodu ta' mhux iktar minn tletin sena (30) u mhux inqas minn tmien snin (8) u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija

u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B), it-tieni proviso ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31) kif ukoll r-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 (L.S.31.18) konċernanti r-Regolamenti dwar il-Kontrolli tal-Mediċini u l-Avviż Legali 183/1989, u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 31(1)(a), 37 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi ko-akkużat.

U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9). Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fit-Tielet Kap**, akkuża lill-imsemmija ko-akkużati Matthew Zarb u Franklin Orsini, ħatja talli, fit-18 ta' Diċembru 2010 kellhom fil-pussess tagħhom d-droga Ecstacy (MDMA) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort'oħra awtoriżżati li jimmanifatturaw, ifornu jew li jkollhom il-pussess tal-mediċina psikotropika/droga msemmija, b'dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ u b'dan ukoll illi r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-

persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),120A(2)(a)(1), (2A)(2B), 120A(1)(f)(2)(a)(1), it-tieni proviso ta' din id-disposizzjoni u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31), Regolament 5(1)(2), 10(2) tal-Avviz Legali 22/85, Avviżi Legali 183/99 u fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.
U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fir-Raba' Kap**, akkuża lill-imsemmija Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Mason Nehls u Duncan Caruana, ħatja talli, fit-18 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra u fl-aħħar erba' xhur qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer, kellhom fil-pussess tagħhom (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża; talab li jingħamel skond il-liġi (i) kontra l-imsemmija ko-akkużati Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo u Duncan Caruana illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' mhux inqas minn tnax-il xahar (12) iżda mhux iżjed minn għaxar snin (10) kull wieħed u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) kull wieħed, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal-kapitolu 101, u fl-artikoli 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati; kif ukoll u peress li kien għadu minorrenni fiż-żmien il-kummissjoni tar-reat (ii) jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-ko-akkużat (e) Mason Nehls u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' mhux anqas minn ħames xhur (5) u mhux iżjed minn disa' (9) snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal-Kapitolu 101, u fl-artikoli 23, 31, 37 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.
U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u

Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9). Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għall-perjodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fil-Ħames Kap**, akkuża lill-imsemmi ko-akkużat Mark Anthony Bartolo, ħati talli kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha); talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn għaxar snin (10) priġunerija u mhux inqas minn tnax-il xahar u multa ta' mhux anqas minn erba' mija sitta u sittin Euro (€466) iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u tlett mitt Euro (€23,300), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(d), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal-Kapitolu 101, u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Fis-Sitt Kap**, akkuża lill-imsemmija ko-akkużat Matthew Zarb, ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga Ecstacy meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond il-Liġi relattiva (Kapitolu 31), u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura, iforni jew li jkollu il-pussess ta' din il-mediċina psikotropika/droga msemmija; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' ta' mhux aktar minn għaxar snin (10) priġunerija u mhux inqas minn tnax-il xahar (12) u multa ta' mhux anqas minn erba' mija ħamsa u sittin Euro punt sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf mitejn tlieta u desgħin Euro punt tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),120A(2)(a)(ii) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31), Regolament 5(1)(2), 10 tal-Avviz Legali 22/85 u 183/99 u fl-artikoli 28 u 30 tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-

Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.
U peress illi l-ko-akkużat Matthew Zarb kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri datata l-21 ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (sitt xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sena) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fis-Seba' Kap**, akkuża lill-imsemmi ko-akkużat Duncan Caruana, ħati talli bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt senjatament li jikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq membri tal-korp tal-pulizija waqt illi kienu fil-qadi ta'dmirijiethom u filwaqt li kienu qed jeżegwixxu il-Liġi jew ordni mogħtija skond il-Liġi minn awtorita` kompetenti, liema delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-imsemmi Duncan Caruana; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sentejn (2) u mhux inqas minn tlett xhur (3) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.
Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fit-Tmien Kap**,  akkuża lill-imsemmi ko-akkużat Duncan Caruana, ħati talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament il-vettura Hyundai Getz bin-numru DBK213 karrozza mikrija mill-Korp tal-Pulizija u reġistrata fuq Sergio Camilleri għan-nom u ta' Topcar Services Limited, liema ħsara ammontanti għal tmien mija tnejn u għoxrin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€822.67) ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax -il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47); talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Kif ukoll fl-istess mod, peress illi l-ko-akkużat Duncan Caruana kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Duncan Caruana et datata s-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' Franklin Orsini preżentata fil- 25 ta' Lulju, 2013 u s-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' Mejju 2014, fir-rigward ta'l-istess eċċezzjonijiet fejn il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-akkużat Franklin Orsini.

**3**. Rat in-nota tal-akkużat Mason Nehls ippreżentata fit-23 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha a tenur ta'l-artikolu 449(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali ressaq eċċezzjoni preliminari ulterjuri fejn eċċepixxa l-inammissibilita' tal-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' dak kollu li intqal mill-imsemmi akkużat lill-pulizija fl-istadju ta'l-investigazzjonijiet mill-mument ta'l-arrest tiegħu sal-mument li tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u dan peress illi hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u ukoll il-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Pulizija stante li fiż-żmien meta ittieħdet tali stqarrija l-akkużat kien għadu minuri u waqt it-teħid tal-imsemmija stqarrija ma kienx hemm ġenitur preżenti mal-akkużat.

**4**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjoni tal-akkużat Mason Nehls u konsegwentement ordnat li ma ssir ebda referenza għall-istqarrija tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2010 eżebita fl-atti proċesswali bħala Dok. CSH a fol.114 (kopja ta' proċess verbal) kif ukoll ta' kwalsiasi dikjarazzjoni oħra verbali jew miktuba li seta' għamel qabel ma tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja biex iwieġeb għall-akkużi odjerni.

**5**. Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Settembru 2021 fejn is-sentenza tal-Qorti Kriminali kienet ikkonfermata.

**6**. Rat ir-rikors ippreżentat mill-akkużati Orsini, Caruana, Zarb u Bartolo tat-03 ta' Mejju 2022 fejn huma talbu li jkunu awtoriżżati irressqu eċċezzjoni ulterjuri ai termini tal-proviso tal-artikolu 449(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**7**. Rat id-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali tat-23 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu l-akkużati kollha, għajr għal Mason Nehls, kienu awtoriżżati iressqu l-eċċezzjoni dwar l-inammissibilita' bħala prova tal-istqarrija tagħhom, billi jikkontendu illi din il-prova kienet meħuda illegalment ġaldarba huma ma kellhomx id-dritt li jkunu debitament assistiti minn konsulent legali tal-fiduċja tagħhom.

**8**. Rat in-nota ta'l-eċċezzjonijiet ulterjuri ppreżentata mill-akkużati Franklin Orsini, Duncan Caruana, Matthew Zarb u Mark Anthony Bartolo ppreżentata fis-27 ta' Mejju 2022 li permezz tagħha talbu l-isfilz tal-istqarrijiet kollha mogħtija minnhom, inkluż kull xiehda oħra fejn fiha saret referenza għall-imsemmija stqarrijiet.

**9**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-11 ta' Ottubru 2022 li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata mill-akkużati u ordnat li waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma għandu jsir ebda użu mill-istqarrijiet mogħtija mill-akkużati eċċipjenti kif ukoll ta' ebda dokument li jagħmel referenza għalihom kif ukoll ta' kwalunkwe dikjarazzjoni verbali jew in iskritt li l-akkużati eċċipjenti setgħu għamlu fl-istadju *pre trial.*

**10.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-Avukat Ġenerali fit-18 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri hekk kif imressqa mill-akkużati, u ċioe' l-

inammissibbilita' tal-istqarrijiet rilaxxati minnhom filwaqt li tordna l-prosegwiment tal-kawża skont il-liġi.

**11**. Rat ir-risposta tal-akkużati Matthew Zarb, Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo u Duncan Caruana ippreżentata fl-24 ta' Novembru 2022 fejn talbu illi r-rikors tal-appell ta'l-Avukat Ġenerali jkun miċħud fl-intier tiegħu, u dana in osservanza mad-deċiżjoni mogħtija dwar l-eċċezzjoni ulterjuri imressqa mill-akkużati.

**12.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**13.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**14**. Illi l-appellant Avukat Ġenerali issib oġġezzjoni għas-sentenza tal-Qorti Kriminali meta din iddikjarat illi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma għandu jsir ebda użu mill-istqarrijiet rilaxxati mill-appellati Franklin Orsini, Matthew Zarb, Mark Anthony Bartolo u Duncan Caruana, flimkien ma' kwalunkwe dikjarazzjoni verbali jew in iskritt li l-akkużati eċċipjenti setgħu għamlu qabel ma tressqu il-qorti. Dan għal motiv uniku illi din il-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex illi tagħmel, tista' iġġib magħha difett fil-proċeduri billi tista' tkun leżiva tad-dritt ta'l-akkużati għal smigħ xieraq ġaldarba huma ma kellhomx avukat preżenti magħhom waqt l-interrogatorju sabiex joffrilhom dik l-assistenza meħtieġa filwaqt li potenzjalment setgħu irrilaxxaw dikjarazzjonijiet inkriminatorji. Illi l-appellant Avukat Ġenerali ħassitha aggravata mill-pronunzjament ta'l-Qorti Kriminali u dan għaliex, fil-fehma tagħha, l-iżvilupp fil-liġi u l-ġurisprudenza li jirregola l-materja tal-vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq meta dikjarazzjonijiet jiġu magħmula minn persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat, jindika illi sakemm il-proċess ġudizzjarju ma jkunx wasal fit-tmiem tiegħu ma huwiex possibbli jiġi stabbilit jekk tkunx seħħet dik il-leżjoni. Dan

għaliex għandu isir eżami tal-proċess ġudizzjarju fit-totalita' tiegħu u huwa biss minn din l-ottika li jista' jiġi stabbilit jekk dik il-leżjoni tkunx avverat ruħha u allura jekk dik il-prova hijiex waħda nieqsa minn valur probatorju. Tisħaq l-Avukat Ġenerali illi l-istqarrijiet kienu rilaxxati skont il-liġi viġenti fiż-żmien tal-intervista, u kwindi ma jistgħux jitqiesu bħala nieqsa minn valur probatorju fit-termini ta'l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali. *Di piu'* l-akkużati ikkonfermaw l-istqarrijiet tagħhom bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fejn huma kienu mogħtija għal darb'oħra it-twissija li kienet viġenti f'dak iż-żmien, lura fl-2010, fejn huma għażlu li jirrinunzjaw għad-dritt li jikkonsultaw ma' avukat qabel ir-rilaxx kemm tal-istqarrija quddiem l-uffiċjal investigattiv, kif ukoll meta iġġuramentaw l-istess stqarrija quddiem l-Inkwirenti. L-Avukat Ġenerali tikkontendi illi l-akkużati kienu diġa' resqu dan l-ilment tagħhom quddiem il-Qorti Kriminali, li permezz ta' digriet datat il-25 ta' Settembru 2013, it-talba għal referenza kostituzzjonali fir-rigward kienet miċħuda, kif ukoll kienet miċħuda eċċezzjoni identika imqanqla mill-akkużat Orsini fin-nota ta'l-eċċezzjonijiet tiegħu u dan permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali, tat-12 ta' Mejju 2014. Finalment jikkontendi illi saħansitra il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha kienet iddeċidiet dan il-mertu u dan b'sentenza tat-28 ta' Novembru 2019, fejn qieset illi t-talba tar-rikorrenti Orsini u Caruana, fil-vertenza kostituzzjonali kienet intempestiva.

**15**. Illi l-akkużati xortawaħda dehrilhom li kellhom jerġgħu iqajjmu din il-kwistjoni, bil-Qorti Kriminali, issa diversament ippresjeduta, permezz ta' digriet datat it-23 ta' Mejju 2022 awtoriżżathom iqanqlu mill-ġdid din l-eċċezzjoni marbuta mal-validita' tal-istqarrijiet rilaxxati minnhom lil pulizija mal-arrest tagħhom. Illi permezz tas-sentenza appellata, l-Qorti Kriminali għoġobha tilqa' din l-eċċezzjoni, għalkemm din kienet diġa' ġiet deċiża u miċħuda permezz tas-sentenza tagħha datata t-12 ta' Mejju 2014. Illi dan għaliex għalkemm l-Qorti Kriminali baqgħet tal-fehma illi l-prova magħmula permezz tal-istqarrijiet tal-akkużati ma kenitx waħda meħuda kontra l-liġi, madanakollu qieset

illi dawn xortawaħda kellhom jitwarrbu mill-atti. Stqarret hekk il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha:

> **6. Illi kif gia spjegat fis-sentenza fl-istess ismijiet, jigifieri Ir-Repubblika ta Malta vs Matthew Zarb et tat-28 ta' Jannar, 2021 kwantu l-eccezzjoni preliminari mressqa minn Mason Nehls ghat-twarrib tal-istqarrija tieghu, din il-kwistjoni rigwardanti stqarrijiet mehuda fl-assenza ta' assistenza legali ilha ghal zmien twil ghaddejja minn stat ta' evoluzzjoni kif gia rifless fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et (App Krim 3 ta' April, 2019) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Lamin Samura Seguba (Qorti Kriminali 11 ta' Gunju 2020) fejn kien traccat l-izvilupp legali u gurisprudenzjali f'dan ir-rigward, apparti sentenzi ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali u ta' din il-Qorti. Huwa palezi illi l-istqarrijiet li dwarhom saret din l-eccezzjoni ttiehdu fi zmien meta d-dritt tal-assistenza kien ghadu kemm kien dahal fis-sehh fis-sistema legali taghna b'dan illi dik l-assistenza kienet wahda limitata hafna konsistenti fi dritt tas-suspettat li jitkellem ma' legali tal-fiducja tieghu ghal zmien massimu ta' siegha jew de visu jew b'mod telefoniku. Minn hemm 'l quddiem l-persuna suspettata ma setghetx tkun akkumpanjata waqt l-interrogatorju li jsegwi, oltre li f'dak iz-zmien kien prezenti ukoll id-dritt ta' inferenza u d-differenza fil-posizzjoni legali dwar jekk persuna ghandhiex tirrikorri ghall-dik is-siegha kollokwu jew le setghet biss tkun mfissra lis-suspettat mill-Pulizija b'mod allura li appena l-persuna tghazel li tiehu tali parir jiskatta d-dritt tal-inferenza u f'kaz li ma tiehux parir ma jkunux japplikaw l-artikoli tal-Kodici Kriminali dwar l-inferenza;**
>
> **7. Illi s-sentenzi citati supra Rio Micallef u Seguba kienu citati b'approvazzjoni mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello tat-18 ta' Novembru, 2021 meta ezaminat l-kwistjoni tal-istqarrija mill-ottika tad-dritt ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorju u l-lezjoni tad-dritt fundamentali tal-bniedem fin-nuqqas ta' tali assistenza u dan meta l-Qorti ghaddiet in rassenja dawk is-sentenzi li fihom il-Qrati taghna ordnaw li ma jsir ebda uzu minn stqarrijiet mehuda f'cirkostanzi konsimili. Ricentement, ukoll, fl-4 ta' Mejju, 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat sentenza tal-Qorti Kriminali b'cahda f'appell interpost mill-Avukat Generali dwar decizjoni li ordnat li ma jsir ebda uzu minn stqarrija mehuda f'Lulju 2016 fejn kien prekluz ghas-suspettat li jkun assistit minn legali tal-fiducja tieghu bil-presenza tal-istess legali waqt l-interrogatorju u dwar dan issir referenza ghas-sentenza Ir-Repubblika kontra Andrew Mangion;**
>
> **8. Illi din il-Qorti tabbraccja l-insenjament emergenti mis-sentenza appena citata u ghalhekk ma tarax ghaliex ghandha tinoltra aktar minn hekk dwar**

**stqarrijiet mehuda lura fis-sena 2010. Izzid tosserva, izda, illi t-talba tal-akkuzati ma tistghax tintlaqa' kif postulata meta dawn jitolbu li l-istqarrija ghandha tkun dikjarata bhala mehuda illegalment ghaliex dawk l-istqarrijiet ttiehdu skond il-ligi kif vigenti dak iz-zmien. Ghalhekk ser tipprovdi ghat-talba taghhom b'mod divers.**

**9. Ghal dawn ir-ragunijiet tordna li waqt ic-celebrazzjoni tal-guri ma ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrijiet moghtija mill-akkuzati eccipjenti kif ukoll ta' ebda dokument li jaghmel referenza ghalihom kif ukoll ta' kwalunkwe dikjarazzjoni verbali jew in iskritt li l-akkuzati eccipjenti setghu ghamlu fl-istadju *pre trial*."**

**16**. Illi fiż-żmien meta l-akkużati kienu arrestati u interrogati lura fis-sena 2010, huma ma kellhomx il-jedd li jkollhom l-avukat preżenti magħhom matul it-teħid tal-istqarrija u dan għaliex, kif ingħad, dan il-bdil għal Kodiċi Kriminali kien konsegwenza ta' trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, bdil allura li seħħ fiż-żmien <u>wara</u> li l-akkużati kienu interrogati. Illi fiż-żmien meta kienu rilaxxati l-istqarrijiet mill-appellati, kif sewwa traċċat fis-sentenza appellata, kien hemm dritt, għalkemm wieħed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiduċja tagħha fil-ħin preċedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Di fatti, l-leġislatur fl-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002 ħaseb sabiex ***"il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu."*** Għalhekk inħolqot sitwazzjoni ġdida għar-rigward tal-istqarrijiet li ġew rilaxxati mid-data li nġiebu fis-seħħ dawk l-emendi 'l quddiem, sitwazzjoni, kif ingħad, fejn ingħata il-jedd tal-parir legali qabel l-interrogatorju biss, mingħajr il-jedd, iżda, li l-interrogat ikun assistit b'avukat waqt l-interrogatorju.

**17**. Illi mogħnija b'dawk il-provi li l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, fl-atti kumpilatorji, jemerġi illi l-appellati qed jiġu mixlija b'importazzjoni, traffikar u pussess illegali ta' mediċina u droga bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 31 u 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellati jiġu mogħtija it-twissija li kellhom dritt jikkonferixxu ma' avukat tal-fiduċja tagħhom għal siegħa qabel jibda l-interrogatorju, liema dritt madanakollu huma jirrinunzjaw għalih. Huwa minnu wkoll, kif tajjeb stqarret l-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, illi dan id-dritt kien soġġett għar-regola tal-inferenza li l-Qorti setgħat tagħmel dwar il-ħtija o meno tal-persuna akkużata f'dik l-istanza fejn ikun ittieħed il-parir legali, iżda l-interrogat jagħżel li jżomm ferm id-dritt tiegħu għas-silenzju. Din it-twissija terġa' tiġi mogħtija lill-akkużati mill-Maġistrat Inkwirenti meta huma jiġu mitluba jikkonfermaw il-kontenut tal-istqarrijiet tagħhom bil-ġurament quddiem l-awtorita' ġudizzjarja. Għal darb'oħra huma jirrinunzjaw li jeżerċitaw dan il-jedd[1].

**18**. Illi huwa indubitat, kif tajjeb traċċat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, illi kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza, kemm dik lokali kif ukoll ewropeja dwar il-jedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, li tkun assistita minn avukat, bil-liġi qabel Frar tas-sena 2010, teskludi kompletament dan il-jedd. Din il-bidla fil-liġi wasslet sabiex il-qrati matul dawn l-aħħar snin issindikaw il-validita' tal-proċeduri penali u ċioe' jekk dawn setgħux ġew ivviżjati bil-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq tal-persuna akkużata meta din tkun irrilaxxat stqarrija mingħajr difiża adegwata, liema stqarrija sussegwentement tinġieb bħala prova fl-imsemmija proċeduri. Ibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-insenjament tramandat mill-QEDB fis-sentenzi fil-każ *Philippe Beuze vs il-Belġju* (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018, u *Farrugia vs Malta* illi xi ftit jew wisq tbiegħdu mill-insenjament imfassla fid-deċiżjoni ta' *Salduz* u oħrajn. Illi f'dawn id-deċiżjonijiet il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-

[1] Stqarrijiet ġuramentati - Matthew Zarb fol 105 sa 106; Franklin Orsini 107 sa 109; Mark Bartolo fol 110 sa 113 u Duncan Caruana fol 117 sa 119.

smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test, u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud.

**19.** **"Farrugia vs Malta"** (63041/13 deċiża fis-7 ta' Ottubru 2019) u "**Stephens vs Malta"** (35989/14) deċiża fl-14 ta' Jannar 2020, fasslu il-prinċipju illi '***systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an ab initio violation of the right to a fair hearing'***. Dawn is-sentenzi jikkonfermaw il-ħsieb adottat preċedentement mill-QEDB fil-każ *Beuze* fejn kien stabbilit illi sabiex ikun determinat jekk l-istqarrija rilaxxata mingħajr l-assistenza ta' avukat twassalx għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkużat għal smigħ xieraq, irid ikun investigat jekk kienx hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw din ir-restrizzjoni, u ukoll għandu jkun mistħarreġ il-kriterju tal-hekk imsejjaħ "*overall fairness*" tal-proċeduri fl-intier tagħhom. Illi allura l-QEDB dejjem saħħqet illi l-evalwazzjoni dwar jekk seħħitx din il-vjolazzjoni ssir in bażi għaċ-ċirkostanzi fattwali u legali partikolari għall-kull każ u li għalhekk mhux possibbli li jittieħed approċċ uniku u uniformi b'mod ġenerali applikabbli għal każijiet kollha billi kull każ irid ikun eżaminat għalih, kif ingħad.

**20.** Fir-rigward tal-ewwel stħarriġ li jrid isir marbut mal-hekk imsejjħa '*compelling reasons*' il-QEDB stqarret:

> ***"The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention".***

**21.** Illi fil-każ issa taħt il-lenti tal-Qorti huwa bil-wisq evidenti li dan it-test qatt ma jista' jkun superat billi ma hemm ebda raġuni impellenti 'il għala l-akkużati, illum appellati, kellhom jkunu imċaħħda minn dan il-jedd, għajr għal fatt illi dan id-dritt tal-presenza tal-avukat waqt l-interrogatorju ma kienx maħsub fil-liġi f'dak iż-żmien.

**22.** Madanakollu dan it-test waħdu ma jirrendiex, b'mod awtomatiku, l-istqarrija inamissibbli fil-liġi għaliex irid ikun superat ukoll it-tieni test imfassal mill-QEDB meta jiġi mistħarreġ jekk dik l-istqarrija għandiex titwarrab mill-atti. L-eżami tal-*'overall fairness'* tal-proċeduri jinneċċesita stħarriġ ġudizzjarju tal-piż li għandu jingħata lil din il-prova meta imqabbla mal-evidenza kollha li hemm fl-atti. Il-QEDB fasslet lista mhux eżawrjenti ta' uħud mill-fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta jsir dan l-eżerċizzju:

(a) *whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
(b) *the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
(c) *whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
(d) *the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
(e) *where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
(f) *in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
(g) *the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
(h) *whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
(i) *the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
(j) *other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).*

**23.** Issa ġaldarba f'dan il-każ, il-proċeduri għadhom fi stadju bikri fejn għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, il-Qorti, ma għandhiex is-setgħa li teżamina Hi jekk dawn il-kriterji hawn fuq iċċitati humiex sodisfatti u dan għaliex, kif ingħad, il-ġuri għadu ma seħħx,

b'din il-Qorti, u il-Qorti Kriminali, qabilha ma tistax f'dan l-istadju tidħol biex teżmina il-mertu tal-każ u tikkumenta fuq l-evidenza ikkumpilata, billi dan l-eżerċizzju għandu ikun rimess unikament f'idejn il-ġurija popolari, kif lanqas tista din il-Qorti tidħol biex teżamina vjolazzjonijiet ta' xejra kostituzzjonali. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa biss fis-sitwazzjoni fejn jirriżultalha, f'dan l-istadju, li huwa evidenti li xi waħda jew aktar mill-kriterji hawn fuq stabbiliti ma jistgħux ikunu sodisfatti, u li allura jkun hemm il-periklu li jseħħ preġudizzju serju lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, illi jista' jkun ġustifikat it-twarrib tal-istqarrija mill-atti u dan qabel ma jkun ċċelebrat il-ġuri.

**24**. Illi imbagħad f'dan il-każ kien hemm diġa' pronunzjament kostituzzjonali fir-rigward tal-allegat vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq bbażati fuq l-istess konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula minn din il-Qorti, u dan permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) tat-28 ta' Novembru 2019[2], liema sentenza għaddiet in ġudikat fejn kien hekk deċiż, u dan wara li kienet iċċitata estensivament il-ġurisprudenza in materja li kienet viġenti sa dak iż-żmien:

> **"Kif rajna, sew il-ġurisprudenza nostrana kif ukoll dik Ewropea huma konkordi illi sabiex Qorti b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tkun tista' tikkunsidra jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq fil-kuntest ta' stqarrijiet mogħtija mingħajr l-assistenza t'avukat, għandu jiġi eżaminat il-proċess kollu penali wara li jkun wasal fi tmiemu b'mod definittiv. Mill-atti l-Qorti fehmet illi l-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali għadhom mhux konklużi u għalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha m'għandiex tinvesti l-ilment tar-rikorrenti."**

**25**. Illi din il-Qorti ma għandha għalfejn iżżid xejn aktar ma' dan il-pronunzjament kostituzzjonali li f'dan il-każ taħt il-lenti tagħha iddikjarat illi kien intempestiv li f'dan l-istadju tal-proċeduri jiġi dikjarat illi l-appellati Franklin Orsini u Duncan Caruana qed isofru jew sejrin isofru ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq. Illi dan il-

[2] Franklin Orsini u Duncan Caruana vs Avukat Ġenerali.

pronunzjament kostituzzjonali għandu japplika bl-istess qies għaż-żewġ appellati l-oħra Zarb u Bartolo billi l-ilment minnhom imqanqal huwa identiku għal dak taż-żewġ ko-akkużati l-oħra.

**26**. Illi huwa minnu illi l-Qorti Kostituzzjonali f'sentenzi oħra sa reċentement kienet bdiet tidderiġi lil qrati ta' ġurisdizzjoni penali sabiex iwarrbu din il-prova mill-atti probatorji fl-interess tal-ġustizzja u għall-integrita' tal-proċess, bil-għan li ma jkunx hemm ir-riskju ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Dan bis-setgħa lilha mogħtija fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li jagħti r-rimedju kostituzzjonali lil kull persuna li mhux biss ikunu inkisrulha id-drittijiet fondamentali tagħha, jew li jkunu qed jiġu hekk miksura, iżda li potenzjalment jistgħu isofru minn leżjoni bħal din għaliex jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq.[3] Madanakollu fl-aħħar deċizjonijiet mogħtija mill-imsemmija Qorti jidher illi din id-direzzjoni mhijiex qed tkun indikata. Kien hekk deċiż:

> **10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.**
>
> **11. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu waqt l-interrogazzjoni. ....**
>
> **13. Din il-Qorti reġgħet għarblet sew il-pożizzjoni tagħha fuq din it-tema ta' intempestività tal-ilment kostituzzjonali. Tagħmel riferenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, Martin Dimech v. Malta tat-2 ta' April 2015 u Tyrone Fenech et v. Malta tal-5 ta' Jannar 2016, dwar ilmenti li jixxiebħu ħafna għal dawk tal-lum dwar it-teħid ta' stqarrija**

---

[3] Clive Dimech vs Avukat Generali, The Police vs Alexander Hickey, Morgan Onuorah vs l-Avukat ta'l-Istat

**mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' avukat, għalkemm f'dan il-każ il-konsultazzjoni kienet waħda limitata.**

**14. F'dawk is-sentenzi l-ilment tas-smigħ xieraq tressaq meta l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Billi l-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea: "applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 1 and 4 of the Convention, for non exhaustion of domestic remedies"**

**15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalita tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.**

**16. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment de quo agitur jiġu diskussi f'dan l-istadju in vacuo. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha[4]. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li ghandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.**

[4] Sottolinjar tal-Qorti

**17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.**

**18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.**

**19. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, viz. Beuze v. Il-Belġju deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019.**

**20. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju. tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.**

**21. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti meta jittieħed kont ta' kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f'temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza. Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ Carmel Camilleri v. Malta deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta' stqarrija mogħtija minn terzi:**

> **«The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the Edwards v. the United Kingdom judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78) »**

**22. L-għaqal li din il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestività, jinsab imsaħħaħ ukoll minn dak li ġara fl-aħħar sentenza**

**Roderick Castillo v. Avukat Generali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza ġara li waqt li kienu mexjin il-proċeduri kostituzzjonali, ġew mitmuma l-proċeduri kriminali u Roderick Castillo gie meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Minħabba din il-ġrajja, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li:**
**"Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li ġara fl-istadju meta l-appellat tal-istqarrija, xorta 'on the whole' kellu smigħ xieraq b'dak li ġara flistadju tal-appell"**[5]

**27.** F'sentenza oħra mogħtija fl-istess jum ingħad similment:

**10. Il-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat ma jwassalx bilfors għal ksur fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna.**[6]

**28.** Illi saħansitra s-sentenza li straħet fuqha il-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata u ċioe' dik fl-ismijiet ir-*Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ma kenitx ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali meta kien hekk deċiż fis-sentenza mogħtija reċentement fit-22 ta' Ġunju 2023:

**21. B'referenza għall-każ tar-rikorrent il-Qorti tosserva:-**
**i. Ir-rikorrent tkellem ma' avukat ta' fiduċja tiegħu qabel interrogawh il-pulizija u waqt l-interrogazzjoni kellu l-assistenza ta' interpretu. Inoltre qabel bdiet l-interrogazzjoni kien imwissi li m'għandux obbligu jitkellem, u dak li jgħid jista' jinġieb bi prova. Fl-aħħar tal-istqarrija jingħad ukoll li għamel l-istqarrija volontarjament, mingħajr theddid jew biża, wegħdiet jew twebbil ta' xi vantaġġi. Jingħad ukoll li nqrat lilu mill-interpretu Imelda Fede u li ma ried jibdel xejn minnha u ffirmaha.**
**ii. F'dan il-każ hemm involut l-interess pubbliku meta tqis li jitratta dwar każ ta' allegat traffikar ta' droga.**
**iii. Fil-proċedurali kriminali r-rikorrent għandu dritt li jikkontesta l-veraċità u l-awtentiċità tal-istqarrija li ta lill-pulizija.**
**iv. Il-każ tal-prosekuzzjoni mhuwiex bażat biss fuq l-istqarrija tarrikorrent. Hemm provi oħra;**

---

[5] Emmanuel Spagnol vs Avukat Generali et – Constitutional Court – 31/05/2023
[6] Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija – Constitutional Court – 31/05/2023

v. Waqt il-ġuri ser jinstemgħu *viva voce* dawk kollha li setgħu xehdu waqt il-kumpilazzjoni, salv xi impediment leġittimu;
vi. F'każ ta' sejbien ta' ħtija r-rikorrent għandu l-jedd li jappella mis-sentenza;
vii. M'hemm l-ebda prova li tagħti wieħed x'jifhem li r-rikorrent kien persuna vulnerabbli meta ta stqarrija lill-pulizija;
viii. Ovvjament għadu mhux magħruf x'ser jingħad fl-indirizz tal-Imħallef li ser tkun qiegħda tippresjedi l-Qorti Kriminali.

Fis-sentenza tas-27 ta' Jannar, 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlitha ċara li l-kwistjoni tal-istqarrija ma kellhiex tieqaf ma' dik is-sentenza, u anzi l-ġudikant fl-indirizz lill-ġurati kellu jidħol fil-kwistjoni dwar il-valur probatorju tal-istqarrija f'każ li ma ttieħditx skont il-liġi, u kif ukoll jagħti direzzjoni lill-ġurati jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi li jissemmew fil-linji gwida li ngħataw fis-sentenza tal-Grand Chamber tal-QEDB li ngħatat fil-każ Beuze v. Belgium tal-2018 (ara paġna 46 ta' dik is-sentenza).

22. Meta tqis dawk iċ-ċirkostanzi kollha, din il-Qorti m'għandhiex dubju li l-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq għadu ntatt u lanqas ma jista' jingħad li l-fatt li l-istqarrija tibqa' fl-atti x'aktarx ser iwassal għall-ksur ta' dak il-jedd fundamentali. Hu biss ladarba jintemmu l-proċeduri kriminali u jiġi kkunsidrat dak kollu li jkun sar waqt il-proċeduri kriminali li qorti tkun f'pożizzjoni li tagħmel konsiderazzjonijiet u tagħmel ġudizzju fuq dak kollu li jkun seħħ waqt il-proċess kriminali.

23. Għalhekk is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-akkużat li l-istqarrija mogħtija fl-assenza ta' avukat hi inammissibbli bħala prova, ma kisritx il-jedd ta' smigħ xieraq tal-akkużat u lanqas jista' jingħad li x'aktarx ser tikser dak il-jedd. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li b'dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali tat gwida lill-Qorti Kriminali intiża sabiex jiġi salvagwardat il-jedd ta' smigħ xieraq tal-akkużat waqt il-ġuri.

24. Hu minnu li hemm sentenzi fejn din il-Qorti rrakkomandat jew ordnat li titneħħa l-istqarrija li jkun ta l-akkużat fl-istadju qabel ikun tressaq il-Qorti. Rimedju jingħata fejn qorti tkun sabet ksur ta' jedd fundamentali jew x'aktarx ksur tiegħu. Però dik ir-rakkomandazzjoni jew ordni ssir biss biex kemm jista' jkun tkun evitata l-possibbiltà li b'xi mod ikun imptappan il-proċess kriminali, u għalhekk *ex abundanti cautela*. Rakkomandazzjoni jew ordni li mhumiex rimedju per se ġialadarba m'hemmx dikjarazzjoni li seħħ ksur jew x'aktarx iseħħ ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Għalhekk l-argument tar-rikorrent li b'dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Jannar, 2021, qiegħed joħloq inċertezza legali minħabba dak li ddeċidiet din il-Qorti fl-istess jum fl-appell Morgan Onuorah v. L-Avukat tal-Istat (176/2019) hu skorrett. Fiċ-ċirkostanzi l-fatt li tkun saret rakkomandazzjoni jew ingħatat

**ordni simili ma jfissirx li hekk għandu jibqa' jsir u li jekk ma jsirx hekk ikun ifisser li m'hemmx ċertezza legali. Hu x'inhu kull każ għandu jiġi eżaminat skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. M'hemmx dubju li meta tqis iċ-ċirkostanzi kollha s-sentenza talQorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Jannar, 2021, ma kisritx il-jedd fundamentali ta' Militello għal smigħ xieraq u lanqas ma jista' jingħad li x'aktarx ser tikser dak l-istess jedd. Dan apparti li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat gwida lill-Qorti Kriminali dwar kif għandha tipproċedi sabiex anzi jiġi aċċertat li ma jkun hemm l-ebda periklu ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq għal dak li jikkonċerna l-istqarrija li ta l-akkużat.**

**29**. Dan l-insenjament riċenti mill-Qorti Kostituzzjonali jafferma il-posizzjoni meħuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fis-sentenza mogħtija proprju f'dan il-każ meta l-appellati Orsini u Caruana lmentaw minn vjolazzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali fil-konfront tagħhom, u kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi fil-każ tal-akkużati odjerni s-sitwazzjoni hija kristalizzata minn pronunzjamenti kostituzzjonali. Kwindi il-Qorti ma tistax taqbel mad-direzzjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali, li għalkemm kienet tal-fehma illi ma setatx tqies l-istqarrijiet inammissibbli billi meħuda skont il-liġi viġenti meta kienu rilaxxati (u din il-Qorti hija konkordi ma' din il-fehma), madanakollu ħasset illi dawn kellhom ikunu imwarrba, u dan meta kien hemm pronunzjament kostituzzjonali fir-rigward li ddikjarat din it-talba magħmula mill-akkużati Orsini u Caruana bħala waħda intempestiva.

**30**. Għalhekk magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta'l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellati odjerni jekk jirrizulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni *Beuze* hawn fuq iċċitata**.** Fuq kollox, għall-appellati dejjem jibqalhom id-dritt li jitlobu reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tagħhom.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali. Tgħaddi biex tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri mogħtija mill-appellati Franklin Orsini, Mark Anthony Bartolo, Matthew Zarb u Duncan Caruana fis-27 ta' Mejju 2022. Għalhekk tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali għal kontinwazzjoni tal-proċess penali kontra l-akkużati.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Aaron Bugeja**